KLR 2/VIII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku beda billi qal li hu konvint mir-rieda tajba ta' kull wieħed u waħda mill-membri tal-kunsill. Tenna li mhux dejjem ser ikun hemm qbil unanimu pero' jawgura li kull membru jaħdem mill-aħjar li jista' għall-ġid ta' Beltna. Mill-esperjenza tiegħu qatt ma ra disgwid bejn il-membri u jittama li bħala Kunsill ikun aħjar mill-kunsilli ta' qabel sabiex finalment il-Kunsill ikun wieħed ħabrieki u jaħdem b'integrita'.

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

2.2.1 fl-aħħar t' Awwissu 2019 tgħalaq il-*grant* għall-*European Mobility Week.* Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika mal-Kunsill t'Għajnsielem għal dan il-proġett. Il-membri qalbu li jinbdew diskussjonijiet ma rappreżentanti tal-kunsill t'Għajnsielem;

2.2.2 l-Kunsill kien ħareġ offerta sabiex jitranġa l-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone li hu devolut lill-Kunsill. Din l-offerta kienet ingħatat lill-'Racing Pigeon Society (Gozo)'. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jidħol f'dan il-porġett sabiex il-post jitranġa. Ressaq ukoll kopja tal-oġġezzjoni li l-Awotorita' ta' l-Artijiet ħarġet lill-'Racing Pigeon Society (Gozo)' wara l-proposta li din is-soċjeta' ressqet sabiex jinbidel l-użu tal-kiosk għall-*premises* ta' NGO. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jidħol f'dan il-proġett kif suġġerit;

2.2.3 rigward applikazzjoni 1423/19 ma l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) li saret minn sid il-ħanut ta' 29, Triq Sir Mikelanġelo Refalo biex joħroġ mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut, u li l-Kunsill oġġezzjona għalija mal-PA. Il-PA irrifjutat din it-talba.

## 2.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

2.3.1 Reġjun Għawdex rigward il-ħatra tal-membri effettivi u s-sosotituti tal-Kunsill Reġjonali Għawdex. Il-membri qablu li l-membru effettiv ikun is-Sindku u l-Viċi Sindku s-sostitut;

2.3.2 is-Segretarjat għall-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attivta rigward il-Premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensja u l-Premju Anzjanita' Attiva;

2.3.3 Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward għajnuna finanzjarja għall-korsijiet ta' Tgħalim tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*);

2.3.4 Wasteserv rigward il-'European Week for Waste Reduction';

2.3.5 Joseph N. Attard fejn talab dettalji rigward is-suġġeriment tiegħu sabiex tissemma triq għal ħuħ Anton F Attard. Il-Kunsill kien għadda d-dettalji lill-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq f'Novembru 2018. Il-Kunsill ser jara fejn wasal dan is-suġġeriment u ser jissuġġerixxi lil dan il-kumitat jekk ma Trejqet l-Exchnge, fejn kien joqgħod Attard, tistax issir riferenza għalih;

2.3.6 'Jack & J Catering' fejn talbu l-permess tal-Kunsill tal-imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut li krew fi Pjazza Savina. Il-Kunsill għandu jitlob pjanta mmarkata sabiex ikun jaf eżatt fejn qed jitlobu għall-imwejjed u siġġijiet;

2.3.7 George Apap - Direttur ta' 'D Capitals Big Band'. Intalbet l-għajnuna loġistika tal-Kunsill sabiex jiġi organiżżat ċ-'Cittadella Arts Festival 2019'. Il-membri qablu li din hija inizjattiva tajba. Qabel tittieħed deċiżjoni l-Kunsill ser isejjaħ l-*accountant* sabiex il-membri jkollhom stampa tas-sitwazzjni finanzjarja tal-Kunsill fil-preżent.

## 2.4 Immaniġjar tat-traffiku

Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu laqgħa ma rappreżentanti ta' *Transport Malta* (TM) rigward l-*area* li hemm riservata għall-*coaches/mini buses* u *open-top buses* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*. Fil-preżenti din l-*area* hi riservata għal dawn il-vetturi bejn 12.00 u l-16.00. TM qed jissuġġerixxu li din tkun riservata il-ħin kollu għal dawn il-vetturi. Il-membri qablu dment li z-zona ta' Triq Kercem / Ghedrin / Triq Qasam San Ġorġ ma jibqghux jintużaw mill-*coaches/mini buses* u *open-top buses* biex iniżżlu w jgħabbu l-passiġġieri bil-konsegwenza li kien qed jinħolq periklu kbir għal kull min juża din iz-zona.

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

2.4.1 *traffic mirror* fi Triq taċ-Ċawla faċċata ta' Blokk B f'taċ-Ċawl H.E.;
2.4.2 *double yellow lines* biswit 57/58 fi Triq Alfons Maria Ħili;
2.4.3 *1m double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx fi Triq Sir Luigi Camilleri;
2.4.4 *1m double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 'Coral Court' fi Triq Wied is-Seqer;
*2.4.5* *1m double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 'Lilies' u 'Josmar', fi Triq Għajn Qatet;

*2.4.6 1m double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 8, Triq Sir Paul Boffa;
*2.4.7 1m double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 139, Triq it-Tabib Anton Tabone;
*2.4.8 double yellow lines* ma sqaq fi Triq Librerija;
*2.4.9 1.5m keep clear bay* permanenti quddiem 34, Triq Santa Dminka;
2.4.10 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 'Notre Nid', fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
2.4.11 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem, 'The Lodge' fi Triq Mary Mejlaq.

Il-Kunsill ser jitlob il-permess ta' TM għall:-

2.4.12 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 'St. Joseph', fi Triq Wied is-Seqer;
2.4.13 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 'Arc En Ciel', fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
2.4.14 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx ta' 12, 'Lunzjata Court';
2.4.15 tneħħija ta' tabella tal-*un/loading* fi Triq Palma li m'għadx għandah użu;
2.4.16 *bicycle racks* fuq il-latrina ta'irġiel fi Pjazza Indipendenza u fil-*Bus Terminus* ta' Triq taħt Putirjal;
2.4.17 *Zone A* fit-toroq 8 ta' Diċembru u Sant' Ursola;
2.4.18 *un/loading bay* komunali għall-ħwienet li hemm fil-bidu ta' Triq Santa Dminka. Dan isir quddiem D&P Mini Market;
2.4.19 *Bus Stop* fi Triq Għajn Qatet qrib il-kantuniera ma Triq San Duminku.

Il-membri qablu li:-

2.4.20 jiġu rappurtati l-*coaches* privati li qed jieqfu fi Triq Enrico Mizzi biex iniżżlu l-passiġieri bil-konsegwenza li tinħoloq konġestjoni kbira ta' traffku;

2.4.21 fi Pjazza Indipendenza titneħħa l-*area* pedonali u bejn is-19.00 u l-07.00 u mill-knisja ta' San Ġakbu l-ġew ikunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi;

2.4.22 Is-Sindku għarraf lill-membri li residenti ta' Triq Sir Luiġi Camilleri reġgħu qajjmu t-talba tagħhom sabiex din it-triq issir *one way*. Il-memri qablu li jintalab il-parir ta' TM qabel tittieħed deċiżoni.

## 2.5 Proġetti pendenti

Tressqu l-proġetti pendenti sabiex il-membri jkunu nfurmati fuq x'proġetti nbdew mis-VII Kunsill. Dawn huma:-

2.5.1 Tarmak fi Triq Ġorġ Pisani. L-offerta ingħatat lill-Gatt Tarmac Ltd. u l-kuntratt ġie ffirmat. Il-fondi huma diġa' allokati mill-fondi għall-bini ta' toroq mill-Ministeru għal Għawdex. Il-membri qablu li tintbagħat korrispondenza rreġistrata lill-kuntrattur fejn il-kunsill jobligah jibda dan ix-xogħol kif stipulat fil-kuntratt;

2.5.2 Restawr tan-niċċa tal-Madonna ta' Loreto fi Triq Għajn Qatet. Il-permess għar-restawr mill-Awtorita tal-Ippjanar (PA) inħareġ nhar il-5 ta' Ġunju 2019. L-offerta ingħatat lill- 'Joserosand Restoration Works'. Il-fondi huma approvati mill-iskema għar-restawr mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qed jistenna lill-Perit iqabbad esperti sabiex jagħmlu *trial patch* li qed jintalalb mill-SCH fi ħdan il-PA qabel jinbdea r-restawr;

2.5.3 proġett ta' Pjazza Santu Wistin li jinkludi t-tbidil tad-dawl. L-offerti huma maħruġa. Il-Kunsill għad irid l-apporvazzjoni għall-fondi mill-*Urban Improvement Fund* (UIF) fi ħdan il-PA. Il-Kunsill għandu jara f'hiex waslet l-applikazzjonijiet mal-UIF.

---

Il-kunsillier Buttigieg ġie skużat u ħareġ mill-kamra.

---

**2.6 Dekasteri tal-membri**

Is-Sindku propona li d-dkasteri jkunu kif ġej:-

Infrastruttura – is-Sindku
Anzjani – Joseph Debrincat u Marcell Tabone
Żgħażagħ u Tfal – il-Viċi Sindku u Maria Portelli
Sports u Attivitajiet Fiżiċi – il-Viċi Sindku u Joseph Debrincat
Edukazzjoni – il-Viċi Sindku
Kultura – Charlie Hili u Maria Portelli
Indafa u Ambjent - Michel Buttigieg
Proġetti – Charlie Hili u Maria Portelli

Il-membri qablu.

**2.7 Kunsiderazzjoni u appropvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2019 skont dokument A anness.

**2.8 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qalbu li:-

2.8.1 l-kuntratt il-ġdid tal-ġbir tal-iskart domestiku li nħareġ mill-Kunsill preċedenit jinbeda mill-1 t'Awwissu 2019;

2.8.2 jinqala l-lastiku li hemm fil-kantunieri taċ-ċnut tal-*playing field*, fil-partijiet li qed jinqalgħu u qed joħolqu periklu. L-kantunieri għanduhom jiġu ffurmati għat-tond biex titneħħa l-kantuniera;

2.8.3 l-Kunsill jara kif jirranġa l-problema li qed jikkawża ilma ġieri li qed joħroġ fit-triq minn taħt il-*playing field* lejn Triq l-10 ta' Ġunju;

2.8.4 ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex l-latrina ta' Triq taħt Putirjal tinqala' u titranġa mill-qiegħ. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-Reġjun Għawdex jekk il-latrini humiex ser jiġu ċentralizżati;

2.8.5 tintalab laqgħa mas-Supretendnet tal-Pulizija sabiex jiġu diskussi l-materji li jikkonċernaw lir-Rabat;

2.8.6 jintalab il-permess tas-sid ta' l-aħħar residenza fi Triq Ġorġ Pisani sabiex titpoġġa bozza ġdida mal-faċċata;

2.8.7 mal-knis ta' waqt il-festa, tinħasel ukoll Pjazza San Ġorġ eżatt wara l-marċ ta' filgħodu tal-Ħadd, qabel il-purċissjoni;

2.8.8 tinħasel Triq Palma qabel il-festa ta' San Ġorġ;

2.8.9 jitressaq *hanger* li miegħu jiddendel l-iskart f'taċ-Ċawla H.E. li jinsab ma ħajt qrib id-dar 'Maple Leaf'. Dan għandu jersaq iktar imbiegħed minn din id-dar sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent li qed joħloq;

2.8.10 jsir *dog litter bin* fi Triq Karlu Galea qrib il-klinika privata tal-annimali li hemm f'din it-triq;

2.8.11 li l-kiosk li jintrema mill-S.K.Victoria Wanderes fil-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija jista'jintrema 6 metri bogħod mill-entratura tal-istabilliment li hemm fil-viċin. Dan skont l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ ta'l-2001 Kap. 363.;

2.8.12 sid l-istabilliment 'Flamingo' tirranġa l-madum li qed jitħarrek fuq il-bankina ta' quddiem il-ħanut. Il-Perit ikkonferma li mhux ser issir ħsara la lit-triq u lanqas lill-bankina;

2.8.13 jinħareġ il-permess biex *busker* li jbiegħ il-bżieżaq u li għandu l-permessi kollha maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ ikun jista' jbiegħ fil-festi titulari;

2.8.14 mal-bieb tal-uffiċċju tal-*customer care* tal-Kunsill issir tabella tal-*perspex* li turi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju;

2.8.15 Il-kunsillier Hili ressaq proposta fejn issuġġerixxa li l-Kunsill jibda jaħdem sabiex fis-sena 2031 ir-Rabat ikun il-Belt Kapitali Eworpea tal-Kultura. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u mar-Reġjun Għawdex sabiex titressaq din il-proposta u jinbeda l-porċess għall-applikazzjoni kif qed jiġi suġġerit.

## 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 7 t'Awwissu fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv